MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Numru 250/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Simon Zammit**

Il-Qorti,

Rat il-kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr Joseph G Galea Debono B.A., LL.D. fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Ian J. Abdilla) vs Simon Zammit” datata 10 ta’ Jannar, 2008 u fejn senjatament gie, inter alia, dikjarat is-segwenti:

“U, wara li rat l-artikolu 28A, 28B, 28C u 28D tal-Kodici Kriminali, tordna lir-Registratur li jibghat kopja ta’ din is-sentenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Awla tal-Magistrat Dr. S. Demicoli)

sabiex titratta mall-appellat skond il-ligi fir-rigward tal-kommissjoni ta’ reat li jgib il-piena ta’ prigunerija, fil-periodu operattiv, ta’ erba’ snin mis-sentenza ta’ sentejn prigunerija sospiza, moghtija minn dik il-Qorti fil-konfront ta’ l-istess appellat fid-9 ta’ Gunju, 2004”.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-seduta tal-4 ta’ Frar, 2008 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdilla u Dr Emanuel Mallia ghall-imputat iddikjaraw illi tenut kont il-fatt li jidher illi l-imputat m’ ghadux fil-generu ta’ xoghol li kien qabel u li jidher li l-imputat kien vittma ta’ l-uzura, ikun opportun illi l-Qorti tikkonsidra li l-perjodu ta’ sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta’ Gunju, 2004, ikun estiz ghall-perjodu ulterjuri li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz nkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdilla u Dr Emmanuel Mallia fil-Verbal tas-seduta tallum hawn fuq riportat, a tenur ta’ l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, testendi t-terminu ta’ sentejn prigunerija sospizi bis-sentenza tad-9 ta’ Gunju, 2004 moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Simon Zammit u li vera kopja fotostatika ta’ din is-sentenza esebita f’ dan l-atti bhala Dok AB 4 ghal perjodu ulterjuri ta’ erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati Simon Zammit bi kliem car ir-responsabilita’ tieghu kemm –il darba jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta’ l-imsemmija sentenza reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------